

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/268****tal-21 ta' Frar 2018**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arrangġamenti kummerċjali applikabbi għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-iproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħi,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 (³) stabbilixxa r-regolamenti dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonal tal-importazzjoni u ffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.
- (2) Minn kontroll regolari tad-dejta, li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li jenħtieġ li jiġu emendati l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġi emendat skont dan.
- (4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 jinbidel bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Jerzy PLEWA  
Direttur Ġenerali  
Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) ĠUL 150, 20.5.2014, p. 1.

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonal tal-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠUL 145, 29.6.1995, p. 47).

## ANNESS

## “ANNESS I

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Prezz rappreżentativ (€EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (€EUR/100 kg)	Oriġini (¹)
0207 12 10	Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 70 %, iffriżati	116,8	0	AR
0207 12 90	Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 65 %, iffriżati	132,1 118,7	0 0	AR BR
0207 14 10	Qatħat tas-sriedaq jew tat-tiġieġ, mingħajr għadam, iffriżati	244,4 225,4 314,4 255,8	17 22 0 13	AR BR CL TH
0207 27 10	Qatħat tad-dundjani, mingħajr għad-dam, iffriżati	320,5 314,7	0 0	BR CL
0408 91 80	Bajd, imnixxef, mingħajr qoxra	446,6	0	AR
1602 32 11	Preparazzjonijiet nejjin tas-schiedaq u tat-tiġieġ	224,3	19	BR

(¹) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ es-tern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7)."